# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Seduta ta' nhar it-30 ta' Novembru, 2001

**Numru 11**

**Avviz numru 707/01DM**

**Sado Company Limited**

**vs**

**Power Print Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' elfejn mija u tmienja u ghoxrin liri maltin (Lm2128) rapprezentanti hlas ghal printing supplies mibjughin u kkonsenjati lilhom skond statement of Account tat-23 ta' Lulju, 2001.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Numru 1855/01 u tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1854/01, u bl-imghax kontra il-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw t-talba attrici;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Carmelo Borg u rat id-dokumenti esebiti mill-kumpanija attrici; ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata limitatament ghas-somma ta' elf mija tmienja u ghoxrin lira maltin (Lm1128) stante l-pagament mill-konvenuti fil-mori tal-kawza tas-somma ta' elf lira maltija (Lm1000) akkont;

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf mija tmienja u ghoxrin lira (Lm1128) u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dan l-ammont lill-atturi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-23 ta' Lulju, 2001 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

A. Farrugia

Dep.Reg.

va

va

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# MAGISTRAT

# DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Seduta ta' nhar it-30 ta' Novembru, 2001

**Numru 11**

**Avviz numru 707/01DM**

**Sado Company Limited**

**vs**

**Power Print Limited**

**Carmelo Borg prodott mill-kumpanija attrici bil-malti bil-gurament jghid:**

Jiena l-Managing Director tal-kumpanija attrici. Jiena nikkonferma illi meta l-kumpanija attrici ghamlet il-kawza lill-konvenuti dawn kellhom jaghtu bilanc ta' elfejn mija tmienja u ghoxrin lira ghal printing supplies illi l-kumpanija attrici kienet ikkonsejatilhom.

Fil-mori tal-kawza ircevejt l-ittra li qed nesebixxi bhala dokument CB1 minghand l-avukat tal-konvenuti fejn baghtuli elf lira akkont u ppromettew li jhallsu l-bilanc b'rati mensili ta' mitejn fix-xahar. Izda jkolli nghid illi oltre l-elf lira ma rcevejtx iktar pagamenti, u ghalhekk il-bilanc dovut illum huwa ta' elf mija tmienja u ghoxrin lira.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' l-attur Carmelo Borg dettata fil-presenza tieghu stess.

Magistrat

Niddikjara li traskrivejt fis-sewwa u fedelment u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.

V. Attard

Traskrittrici

va